MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 46/2005

**Maltacom p.l.c. - (C 22334)**

**vs**

**Tamarac Limited (C 6169)**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm1,785.56) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 444417, 444401, 444400, 21444403, 21444383, 21444390, 21444399, 21444392, 21444382, 21444459, 21489509, 21489510, 21489512, 21444426, 21444461, 21489507, 21489508 u 21489511 dan skond ma kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A, B, C, D, E, F, G, H, I, J, K, L, M, N, O u P.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-Avviz ghas-smiegh u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta’ Marzu, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------